Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 46

Data tal-laqgħa: 24 ta' Mejju 2022

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' wara nofs nhar.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Andrè Grech – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mark Mallia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 46.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

46.1.1 Ma kien hemm edba ittri ta' apoloġija.

## 46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

46.2.1 Id-DSE ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 45. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

46.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 46.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

46.3.1 Statwa Santa Marija

Is- Sindku qal li minn naħa tal-Kunsill saru il-formalitajiet kollha li ntalbu mid- Direttorat għar-Restawr. Huwa qal li nghat email bħala reminder imma sa issa għadu ma rċeviex tweġiba. Għalhekk ser jingħat reminder ieħor u din id-darba ser jinkludi lil Ministru Owen Bonnici.

46.3.2 Skema Tisbiħ u Manutenzjoni Playingfields

Is- Sindku qal li bgħat email lil kuntrattur tad-dawl tat-toroq biex jibgħat kwotazzjoni għal żieda ta' lampi fil-playingfield pero' s'issa ma kellnix tweġiba.

45.4.4 Is- Sindku reġa qajjem il-kwistjoni dwar it-tneħħija ta' ġebla fi Triq Il-Kbira kantuniera ma' Triq Santa Marija. Huwa qal li kif ġie mifthim fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill konna tlabna l-parir ta' l-avukat tal-Kunsill u hija kienet ta' l-opinjoni li potenzjalment jekk jiġri xi aċċident, il- Kunsill huwa suġġett li jiġi mħarrek għad-danni. Il-perit tal-Kunsill kien ta' l-opinjoni li din il-ġebla tifforma parti minn residenza u jekk wara li din il-ġebla tinqala' minn postha daqstant ieħor il-Kunsill huwa suġġett għad-danni. Għaldaqstant huwa ta' l-idea li jiġu involuti il-perit kif ukoll l-avukat fejn tingħata proposta lil Kunsill ta' kif għandna ngħarfu nimxu legalment.

45.7 Is- Sindku qal li fir-rigward tas-sitwazzjoni prekarja ta' ċertu toroq f' Ħal Balzan huwa bgħat lil Ministru konċernat biex it-toroq msemmija fl-aħħar laqgħa jingħataw kunsiderazzjoni.

## 46.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

46.4.1 Is- Sindku qal li kif jaf kulħadd kien hemm il-kwistjoni ta-xogħolijiet li saru bil-lejl mingħajr ma ġie avżat il-Kunsill minn Transport Malta fi Triq Birbal kantuniera ma Triq Il-Kannizzata. Huwa qal li dik nhar li kien ġie nfurmat li għaddejjin dawn ix-xogħolijiet huwa minnufih bgħat żewġ emails lil awtorita'. Sfortunatament s'issa b'dispjaċir ikollu jgħid li bħala Sindku ta' lokalita' ma rċieva ebda risposta. Huwa xtaq jippreċiża li il-punt tal-Kunsill mhux li ma jsirx ix-xogħol meħtieġ imma l-ewwel ħaġa li il-Kunsill għandu jiġi avżat u t-tieni għandu jkun hemm sens komun u li ntużaw ċertu makkinarju fis-sagħtejn ta' filgħodu żgur li dan ma kienx il-kaz.

46.4.2 Is- Sindku tkellem fuq il-kollaborazjoni mal-kumpanija TCTC rigward korsijiet tal-computer fejn huwa ngħata draft tal-posters li ser jintbgħatu fid-djar tan-nies u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva.

46.4.3 Is- Sindku qal li wasal il-waqt li tinbidel il-policy ta' l-uffiċċju fejn b'mod unilaterali fejn jidħol iċ-certifikazzjoni tad-dawl tal-propjeta' ta' dak li jkun meta jkun hemm xi ħsara. Huwa qal li filwaqt li hija ħaġa tajba li jsir dan, hemm ċertu ċirkustanzi fejn it-tort ma tkunx ta'sid il-propjeta' imma jista' jkun il-problema ġejja minn barra. Għaldaqstant huwa qed jissuġġerixxi li f'kaz jkun hemm xi problema tad-dawl fil-propjeta ta' dak li jkun l-ewwel għandna naċċertaw ruħna li din il-problema mhix ġejja mid-dawl tat-triq. Il-Kunsill kien ta' l-istess fehma.

46.4.4 Is- Sindku qal li kellu laqgħa mal- Malta Tourism Society fir-rigward ta' Heritage Trail ġewwa Ħal Balzan fejn jiġi inkluż fih anke ċertu karatteristiċi li jiddistingwu il-lokalita'. Huwa xtaq formalment jirringrazzja lil Kunsillier s- Sur Stephen Gatt tax-xogħol kontinwu tiegħu f'dan ir-rigward.

46.4.5 Il-Kunsill rċieva talba mill-Banda San Gabriele biex fil-jiem tal-festa tingħalaq it-triq minn fejn skarpoli l-'isfel minħabba l-logħob tan-nar ma' l'art mit- Tlieta 5 ta' Lulju sat- Tnejn 11 ta' Lulju 2022. Minħabba li wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni anke l-lokalita' ta' Ħal Lija li tagħlaq għal sitt ijiem fejn jista' jagħti l-kaz li tinħoloq konvenienza, bħala Kunsill bgħatna lil Transport Malta għal approvazzjoni tat-*traffic management* fejn ġiet approvata b'ċertu kundizzjonijiet.

46.4.5.1 Is- Sindku qal li fl-2019, is- Sindku ta' dak iz-zmien kien ikkonċeda li tingħata din il-konċessjoni li din it-tratt ta' triq tingħalaq għal daqshekk ġranet u allura wieħed jippretendi li l-istess jerġa jiġri.

46.4.5.2 Il-Kunsillier Andre Grech qal li din il-problema għandha tiġi indirizzata ferm minn qabel u l-Kunsill għandu għas-sena d-dieħla jibgħat għal każini tal-baned fejn jiġu avżati li din il-proċedura li tingħalaq it-triq għal sitt ijiem sħah trid tieqaf minnufih. Il-Kunsill approva unanimament.

46.4.6 Fuq mistoqsija tal-Kunsillier A. Grech fir-rigward ta' installazzjoni ta' *charging points* addizzjonali ġewwa l-lokalita', is- Sindku qal li peress il-Gvern għalaq l-iskema għal rifużjoni fuq karozzi *hybrids* u kien hemm domanda qawwija għal dawn it-tip ta' karozzi wasal iz-zmien li l-tibda ssir pressjoni ma' l-awtoritajiet konċernati għal żieda ta' dawn il-charging points.

46.4.7 Is- Sindku infurma lil Kunsill li fir-rigward tar-reklutaġġ ta' skrivana part-time rċevejna zewġ applikazzjonijiet u f' dan ir-rigward irid jinħatar bord għal intervisti għal dawn il-kandidati. F'dan il-bord ser tiġi kkunsidrata ukoll l-applikazjoni interna li saret għal Assistent Prinċipal u li għalia applikat is- Sinjura Casha. Il-Kunsill qabel li l-membri tagħha kollha għandhom jiffurmaw parti minn dan il-bord.

46.4.8 Is- Sindku tkellem fuq il-proposta li jiġu nstallati Recyclable Bottles fejn dawn għal xi raġun jew oħra qabdu u għazlu post fejn dawn jiġu nstallati mingħajr kunsultazzjoni. Bħala Sindku kiteb lura juri d-disapprovazjoni tiegħu għal din id-decizjoni. Bhala Kunsill ser nissugerixxu Wesgħa Profs Aquilina.

## 46.5 Jum Ħal Balzan

46.5.1 Is- Sindku qal li rċevejna proposta għal infiorata minn kumpanija privata u huwa tal-fehma li ngħamlu kuntatt magħhom bil-prospettiva li naslu fi ftehim u bħala infiorata ssir l-arma ta' Ħal Balzan. Il-Kunsill approva.

46.5.2 Is- Sindku huwa ta' l-idea wara s-suċċess tal-kunċert bejn iz-zewġ baned tal-lokal li jsir marċ u fl-aħħar tal-marċ jiltaqgħu fl-istess post fejn l-arma tal-fjuri u l-prezentazzjoni ta' Ġieħ Ħal Balzan issir hemmhekk ukoll. Naturalment ikun hemm il-quddiesa għal din l-okkazjoni. Il-Kunsill approva

46.5.3 Bħala data ta' Ġieħ Ħal Balzan, is- Sindku ppropona li din issir nhar it- 18 ta' Settembru 2022. Il-Kunsill approva.F'dan ir-rigward is- Sindku jemmen li din għandha tkun l-aħħar darba li noqgħodu infittxu data għal din l-okkazjoni u mis-sena d-dieħla tinstab data fissa.

46.5.4 Is- Sindku fakkar lil Kunsill li sadanittant daħlu xi nomini għal Ġieħ Ħal Balzan. Fil-laqgħa li jmiss ser jiġu diskussi dawn in-nomini u approvati mill-Kunsill.

## 46.6 Bankina fi Triq Zekkuk u Triq Idmejda

46.6.1 Is- Sindku qal li l-istat tal-bankini fi Triq Iz-Zekkuk u Triq Idmejda huwa prekarju u għandha tittieħed azzjoni immedjata biex din is-sitwazzjoni tiġi rranġata. Għadaqstant huwa qed jipproponi li sisru mill-ġdid dawn iz-zewġ bankini. Il-Kunsill approva u ser jitqabbad il-perit biex iħejji il-pjan ta' xogħol. Il-Kunsill approva.

## 46.7 Pjazza Bertu Fenech- Problema ta' Traffiku

46.7.1 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li hu u l-Viċi Sindku kellhom laqgħa mal-Pulizija fejn inġibditilna l-attenzjoni li qed jinħoloq konġestjoni ta' traffiku b'mod partikolari ħdejn Kola Store fejn hemm il-bankina ħierġa ' barra u kienu qed jipproponu li din il-bankina tiċċekken. Il- Kunsill ma approvax

46.7.2 Is- Sindku qal li l- Kunsill irid jirrikonoxxi li l-problema ta' pparkjar bl-addoċċ f'din iz-zona zdiedet dan l-aħħar u għandhom jittieħdu l-prewkazjonjiet neċessarji minħabba din il-problema. Din it-tema ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 46.8 Dawl fi Vjal De Paul

46.8.1 Is- Sindku qal li d-dawl dekorattiv li jinsab fi Vjal De Paul qed ikun mitfijin u qed jgħatu dehra kerha lil area ta' madwar. Il-problema hi li kull entita' li l-Kunsill kiteb biex isir il-manutenzjoni tagħhom tgħid li dan id-dawl dekorattiv mhuiex fir-responsabbilta' tagħhom bil-konsegwenza li s-sitwazzjoni hija prekarja.

46.8.1. Fuq proposta tal-Kunsillier A. Grech, ilk-Kunsill approva li bħala Kunsill niktbu lil Enemalta biex dawn il-lampi jiġu devoluti lill Kunsill u taqa' taħt r-responsabbillta tal-Kunsill stess.

## 46.9 Wesgħa Ġiġi Gauci

46.9.1 Is- Sindku qal li zmien ilu il-Kunsill kien ta' l-idea li Wesgħa Gigi Gauci tiġi riabilitata u msebbħa mill-ġdid. Huwa tal-fehma li wasal iz-mine li dan ix-xogħol isir. Fguq dan nir-rigward il-Kunsillier A. Greach issuġerixxa li għal dan it-tisbieħ issir kompetizzjoni bejn r-residenti ta' Ħal Balzan. Il-Kunsill approva.

## 46.10 Ilmenti u items oħra ta' Xogħol ieħor

46.10.1 Id- DSE infurma li rċieva risposta mingħand GoTo għat -talba tagħna biex jiġu rilokati iz-zewġ charging pillars fi Triq Il-Kbira fejn infurmawna li dawn ma jistgħux jitneħħew għax hemm charging station.

46.10.2 DLG Ċirkulari- Finanzjament għal manutenzjoni ta' Funtani. Il-Kunsill ħa nota

## 46.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

46.11.1 Is-SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti nru. 05/22, li tinkludi l-ammont ta' € 49,37 bħala Petty Cash għax-xahar ta' April 2022

46.11.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Viċi Sindku. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 46.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

45.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:12pm

45.12.1 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 23 ta' Ġunju 2022 fl-4.00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis, 23 ta' Ġunju 2022

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Dr. Angelo Micallef | Mark Mallia |
| Mayor | Deputat Seg. Ezek. |